TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Ġunju, 2023**

**Talba Nru: CCT18/23/DS**

**Maria Grazia u John Grech**

**Vs**

**Fair Deal Furniture (Malta)**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tal-attriċi pprezentat fis-6 ta' Frar, 2023 fejn talbet rifużjoni tal-ammont ta' tminn mija u ħamsa u disgħin Ewro (€895) għal pultruna deskritta bħala *STC-Lift Up Arm With 3 Motors* peress illi skont hi din il-pultruna mhix qed taqdi l-funzjoni li nxtrat għaliha;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ intavolat risposta fejn ċaħdet din l-allegazzjoni;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti u tar-rappreżentant tas-soċjeta' intimata bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi l-attriċi qalet illi hija xtrat l-imsemmija pultruna fi Frar tal-2021 li waslet fit-22 ta' Ottubru, 2021 u wara seba' xhur ċemplet lis-soċjeta' intimata peress illi ħasset illi l-kumdita' tal-pultruna ma baqgħetx kif kienet. Is-soċjeta' intimata ħadet il-pultruna f'żewġ okkazjonijiet biex tara jekk hemmx xi problema u fiż-żewġ istanzi tgħid illi din il-pultruna ma kellha xejn ħażin. Ibda biex fl-ewwel istanza is-soċjeta' attriċi

tgħid illi '*aħna provajna nispjegaw lis-sinjura li l-foam għadu perfett*' pero' peress illi hija nsistiet provaw jikkuntentawha u mlewlha d-dahar b'aktar foam filwaqt illi fit-tieni istanza t-tapizzar ma setgħa jara xejn ħażin u ma sar l-ebda intervent fuq il-pultruna. L-attriċi pero' tenniet illi l-kumdita' tal-istess pultruna f'din l-okkażjoni marret għall-agħar w'għaldaqstant talbet lis-soċjeta' intimata trodd lura l-flus li tħallsu għal din il-pultruna peress li mhix taqdi l-funzjoni li għaliha nxtrat.

It-Tibunal wara li sema' x'kellhom xi jgħidu l-partijiet jinnota illi din hija kawża dwar nuqqas ta' konformita' għaliex l-atturi qed jilmentaw illi din il-pultruna kienet mixtrija għal kważi €900 u ma kellux jinżel il-*foam* tad-dahar u l-*foam* li tpoġġi fuqu kif ukoll il-*foam* li sserraħ ir-riġel fuqu f'dan iż-żmien qasir tant illi f'temp ta' 7 xhur ikollha tittieħed għat-tiswija.

It-Tribunal jinnota illi għalkemm ir-rapprezentant tas-soċjeta' intimata qal illi din il-pultruna ma kellhiex problemi kien qal lit-tapezzar iżidilha d-*dacron* u fil-fatt ġiet tidher aktar mimlija milli kienet tidher meta kienet ġdida. Huwa nsista illi s-servizz li huma taw kien wieħed tajjeb u li din il-pultruna ma kienetx difettuża u għaldaqstant provaw jagħmlu l-bidliet sempliċement sabiex jipprovaw jikkuntentaw lill-klijenta pero' hija xorta ma ħassithiex sodisfatta.

Il-liġi f'Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta – Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur toffri rimedju lill-konsumatur illi dwar il-każ tiegħu jirriżulta nuqqas ta' konformita minkejja li l-bejjiegħ ikun ipprova jġib l-oġġett f'konformita'. Dan ir-rimedju taħt l-artikolu 74(3)(b) tal-imsemmija liġi huwa rimedju għal tnaqqis proporzjonat fil-prezz. Li wieħed irid jara huwa jekk fil-każ odjern it-Tribunal huwiex konvint illi dan in-nuqqas ta' konformita' fil-fatt jeżistix.

It-Tribunal primarjament jinnota illi għalkemm is-soċjeta' intimata provat tara kif ser tirranġa s-sitwazzjoni dan m'għamlitux għaliex ħasbet illi s-sinjuri atturi kellhom raġun. Fil-fatt ma kien hemm fl-ebda ħin xi ammissjoni ta' dan it-tip. Hija provat tirrimedja sabiex fi kliemha tikkuntenta lill-attriċi. Skont is-soċjeta' intimata il-*foam* illi l-atturi lmentaw dwaru ma kellux difetti tant illi ma nbidilx meta ttieħed minnha l-ewwel darba u lanqas inbidel it-tieni darba. Li seħħ kien illi s-soċjeta' intimata żiedet id-dacron. Interessanti kien il-kliem tar-rappreżentant tas-soċjeta' intimata li qal '*ġiet tidher aktar mimlija milli kienet ġdida'* (u mhux 'ġiet kif kienet tidher oriġinarjament') wara l-ewwel intervent, filwaqt illi meta ttieħdet it-tieni darba qal illi fil-fatt ma kien sar xejn fuqha. L-attriċi pero' ilmentat illi l-pultruna ġiet agħar milli kienet.

Dan it-Tribunal ma jistgħax jifhem kif tali pultruna setgħet ġiet agħar milli kienet jekk ma tnehhielha xejn iżda żdidilha fl-ewwel okkażjoni u fit-tieni okkażjoni lanqas

intmesset! It-Tribunal jemmen illi s-soċjeta' intimata t-tieni darba ma għamlitx intervent fuq il-pultruna illi bih setgħet issir għar għaliex ma kienetx ser tagħmel intervent fejn jitnaqqas il-*foam* meta kienet ħadet il-briga żżidu a spejjeż tagħha biex tikkuntenta lill-klijenta f'okkażjoni preċedenti.

It-Tribunal ma jistgħax jikkonstata l-*foam* tal-pultruna preċiżament kif niżel minn kif kien oriġinarjament għaliex ma nġiebux ritratti ta' kif kienet il-pultruna oriġinarjament. Lanqas ma nġabu provi ulterjuri fuq dan il-punt mill-atturi. Il-pożizzjoni tal-atturi hija wkoll kontraddetta mir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi illi anki meta' prova joffri soluzzjoni dan m'għamlux biex iġib l-oġġett f'konformita' iżda purament biex jipprova jikkuntenta lill-klijenta u nfatt saħaq illi l-pultruna wara l-ewwel intervent kienet tidher aktar mimlija minn kif kienet meta kienet ġdida! Dan il-kunflitt ta' provi ma jgħinx il-kawża tal-atturi. Illi fil-fatt mill-provi prodotti dan it-Tribunal ma jinsabx daqstant konvint illi jeżistu l-estremi li tirrikjedi l-liġi biex tinstab pruvata in-nuqqas ta' konformita'.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma pprovawx il-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhom għandha tiġi miċħuda.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad t-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**